MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Citazzjoni Numru. 1970/1998/1

**Formosa & Camilleri Limited bhala agenti Malta tas-Socjeta' Guardian Royal Exchange Assurance plc proprio u kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Supermarkets (1960) Limited**

**vs**

**John Ripard and Son Limited agenti Malta ta' Transtainer Lines trasportaturi tal-merkanzija de qua u operaturi ta' bonded store**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta attrici ippremettiet:-

Illi fil-5 ta'Ottubru 1997 is-socjeta Supermarkets (1960) Limited importat gewwa Malta fuq il-bastiment Rebecca

konsejna ta’ textiles liema vjagg gie organizzat mis-socjeta konvenuta;

Illi l-konsenjia giet ikkonsenjata lill-assikurat tal-attur bin-nuqqasijiet spjegati fid-Dok.A (survey report);

Illi ai termini tal-polza ta’ assigurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu hu kellu jindenizza lill-assigurat tieghu tad-danni li sofra u b’hekk issa hu gie surrogat fid-drittijiet tal-istess assigurat;

Illi-l-attur jikkwantifika in-nuqqasijiet fil-merkanzija de qua fl-ammont ta’ sitt elef mija u tmienja u disghin liri maltin (Lm6198) li maghhom jizdied l-ammont ta’ mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm125) bhala survey fee u ghalhekk danni totali sofferti mill-attur fl-ammont ta’ sitt elf tlett mija u tlieta u ghoxrin lira (Lm6323);

Illi il-konvenut huwa responsabbli ghal dawn id-danni;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li l-konvenut jghid ghaliex dina l-Qorti m’ghandhiex:

Tiddikjarah responsabbli ghan-nuqqasijiet fil-merkanzija tal-assigurat tal-attur li ghalihom ghamel tajjeb l-attur;

Tillikwida d-danni sofferti mill-attur fl-ammont ta’ Lm6323;

Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm6323 in linea ta’ danni;

Bl-ispjjes u interess legali mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, kontra il-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta operaturi ta’ bonded store Hal Far fejn gie eccepit illi l-

talbiet attrici fil-konfront ta’ John Ripard & Son Limited operaturi ta’ bonded store Hal Far huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghanhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-attur nomine billi l-container in kwistjoni qatt ma dahal f’bonded store tas-socjeta konvenuta; .

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta operaturi ta’ bonded store Hal Far debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta John Ripard & Son Limited agenti Malta ta’ Transtainer Lines trasportaturi tal-merkanzija de quo fejn gie eccepit :-

In-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dina l-Qorti billi skond il-polza tal-karigu l-partijiet ftehmu li: ‘This agreement shall be deemed to have been made in England and shall be governed and interpreted in accordence with the law of England . Each of the parties submit to the jurisdiction of the English Court’. (art 22 Dok A);

Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost t-talba attrici hija preskritta billi skond il-polza (art.7.9) kawza trid tigi ppresentata fi zmien disa (9) xhur mid-data li fiha l-merkanzija giet kkonsenjata;

Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost skond il-polza Transtainer Lines ghamndha obbligi biss fil-konfrony ta’ container ghaliex fl-istess polza huwa dikjarat li : “The particulars given above as stated by the shipper and the weight, measure, quantity, condition, contents and value of the goods are unknown tp the Multimodal Transport Operator” u fil-fatt meta il-container wasal Malta s-sigilli kienu intatti;

Illi minghajr pregudizzju ghal fuq espost r-responsabilita tal-konvenut hi limitata skond l-artikolu 7 tal-polza;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta agenti Malta ta' Transtainer Lines trasportaturi tal-merkanzija da quo, debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Dicembru 1999 minn fejn jirrizulta li s-socjeta konvenuta bhala agenti Malta ta' Transtainer Lines cediet u rtirat l-ewwel eccezzjoni taghha;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li fil-5 ta'Ottubru 1997 is-socjeta Supermarkets (1960) Limited importat gewwa Malta fuq il-bastiment Rebecca konsejna ta' textiles. L-imsemmija socjeta importatrici kienet inkarigat lis-socjeta konvenuta biex tiehu hsieb dan it-trasport ta' merkanzija. Meta l-istess merkanzija giet konsenjata lis-socjeta importatrici nstab li kien hemm nuqqassijiet u cioe dawk indikati fis-survey report;

Jirrizulta ukoll li s-socjeta attrici ai termini tal-polza ta' assigurazzjoni li kien hemm esistenti bejna u bejn is-socjeta importatrici hallset lill-istess socjeta imporatrici is-somma ta' sitt elef mija u tmienja u disghin liri maltin (Lm6198) bhala valur komplessiv tal-imsemmija nuqqasijiet. B'hekk is-socjeta attrici giet surrogata fid-drittijiet tal-assikurati taghha. Illi oltre l-imsemmija somma s-socjeta attrici halset is-somma ta' mija u hamsa u ghoxrin lira (Lm125) bhala survey fee. Ghalhekk is-socjeta

attrici tippretendi li d-danni kollha sofferti minhabba l-imsemmija nuqqasijiet jammontaw ghas-somma komplessiva ta’ sitt elf tlett mija u tlieta u ghoxrin lira (Lm6323);

Is-socjeta attrici tippretendi li s-socjeta konvenuta hi responsabbli ghal dawn id-danni. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta konvenuta tigi dikjarata responsabbli ghan-nuqqasijiet in kwestjoni, li jigu likwidati dawn id-danni fl-ammont ta’ Lm6323 u li s-socjeta konvenuta tigi kundannata thallas l-imsemmija somma;

Is-socjeta konveuta ppresentat zewg noti ta’ eccezzjonijiet. L-ewwel wahda s-socjeta konvenuta bhala operatur ta’ bonded store Hal Far fejn gie eccepit illi l-container in kwistjoni qatt ma dahal fil-bonded store tas-socjeta konvenuta;

It-tieni nota giet presentata mis-socjeta konvenuta bhala agenti ta’ Transtainer Lines li huma t-trasportaturi tal-merkanzija in kwestjoni. F’din il-vesti s-socjeta konvenuta eccepit fl-ewwel lok in-nuqqas ta’ gurisdizzjoni ta’ dina l-Qorti skond il-polza tal-karigu relattiva. Din l-eccezzjoni dwar il-gurisdizzjoni giet in effett irtrata. Is-socjeta konveuta eccepit inoltre li t-talba attrici hija preskritta billi skond l-istess polza (art.7.9) il-kawza trid tigi ppresentata fi zmien disa (9) xhur mid-data tal-konsnja tal-merkanzija. Is-socjeta konvenuta teccepixxi ukoll li skond il-polza hi ghandha obbligi biss fil-konfront ta’ container u inoltre r-resposabilita’ taghha hi limitata skond l-artikolu 7 tal-polza;

Jirrizulta li l-container kontenenti din il-merkamzija kien “full load” u meta wasal Malta kellu s-sigilli kollha intatti. L-istess container inhatt direttament fl-imhazen tas-socjeta importatrici. Ma jirrizultax li f’xi hin il-container inzamm fil-bonded stores tas-socjeta konvenuta;

Jirrizulta ukoll li skond l-invoice relattiva kellhom jigu konsenjati lis-socjeta importatrici hames mija u tnejn u sebghin kartuna (572) kontenenti l-merkanzija in kwestjoni mentri gew rilaxxati lill-istess importaturi biss erba' mija u sitta u ghoxrin kartuna (426). Kien hemm ghalhekk nuqqas ta’ mija u kartuna wahda (101);

Peress li jirrizulta li s-sigilli kollha kienu intatti ma jistax jinghad li jirrizulta sufficjentement pruvat li l-merkanzija in kwestjoni giet nieqsa fit-tragit jew  fil-hin meta l-istess merkanzija kienet fil-pussess tal-konvenuti. Ghalhekk it-talbiet attrici ma jistghu qatt jigu akkolti;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talbiet kollha attrici;

In vista tac-cirkostanzi partikoari tal-kaz l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------